# L-Arċisqof Mauro Caruana O.S.B. u r-rabta tiegħu mal-Marsa

Pawlu Dimech

Din is-sena qed infakkru l-mitt anniversarju mill-episkopat tal-Arċisqof Mons. Mauro Caruana. Mauro twieled il-Furjana fis-16 ta' Novembru 1867 u kien l-iżgħar fost tliet ulied ta' Henry Caruana u Eliżabetta Bonavia li mietet meta kellu 14-il xahar. Huwa studja kemm fis-Seminarju ta' Għawdex kif ukoll fil-Kulleġġ ta' San Injazju f'San Ġiljan. Hu ħass is-sejħa għal reliġjuż u kompla l-istudju tiegħu fl-iskola li kellha l-Abbazzija Benedittina ta' Fort Augustus fl-Iskozja u ngħaqad mal-Benedittini fil-21 ta' Marzu 1884. Don Mauro kien ordnat saċerdot fl-Abbazija nhar l-14 ta' Marzu 1891. Wara l-ordinazzjoni ntbagħat Ruma biex jistudja l-Liġi Kanonika u meta rritorna l-Iskozja għallem il-Filosofija u t-Teoloġija.

Fl-1905 hu serva bħala segretarju tal-Arċisqof Benedittin Malti Don Ambroġ Agius li kien Delegat Appostoliku fil-Filippini imma ġara li wara ftit Don Ambroġ miet. Għall-aħħar tas-sena 1914, Don Mauro ġie afdat iwaqqaf il-monasteru Benedittin fil-Brażil. Fi triqtu huwa waqaf Malta u nhar it-22 ta' Jannar 1915 il-Papa Benedittu XV ħatru Isqof ta' Malta u Arċisqof ta' Rodi. Inħatar Isqof f'Ruma nhar l-10 ta' Frar 1915. Fil-25 ta' Frar l-Arċisqof Mons. Mauro Caruana wasal Malta u ħa l-ingress Solenni tiegħu nhar id-19 t'April 1915.

Fost il-ħafna ġrajjiet importanti li seħħew b'rabta mal-Parroċċa tal-Marsa tul l-episkopat tiegħu nsibu li nhar it-18 ta' Marzu 1917 l-Isqof Mauro għamel l-ewwel Vista Pastorali fil-parroċċa. Hu wera x-xewqa li l-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa tiġi kkonsagrata kif fil-fatt ġara b'ċerimonja solenni li seħħet nhar il-Ħamis 19 ta' April 1917 immexxija minnu stess. Lapida mal-pilastru ta' ħdejn l-altar tal-Madonna tal-Karmnu tfakkar dan. L-Arċisqof Mons. Mauro kellu rabta mal-inkjesta li saret fuq San Ġorġ Preca u l-Museum billi bagħat għax-xhieda tal-Kappillan tal-Marsa li kien Patri Piju Dimech mix-Xewkija Għawdex. L-isem ta' dan l-Arċisqof insibuh imniżżel fit-toroq Marsin taħt diversi niċeċ bi xbihat qaddisa li huma mxerrdin mal-Marsa. Huwa ta indulġenzi lil min kien jitlob quddiemhom. L-Arċisqof Mons. Mauro Caruana miet fis-17 ta' Diċembru 1943 u ndifen fil-knisja ta' San Girgor tas-Sliema.



*L-E.T. Arċisqof Mons. Mauro Caruana 1867-1943. Isqof u Arċisqof ta' Malta bejn l-1915 u l-1943.*



*Cardinal Raphael Merry del Val minn Spanja (1865-1930) Segretarju tal-Vatikan fi żmien San Piju X*